Nru./No. 21,335
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 28 ta' Ottubru, 2024
Monday, 28th October, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Proklama tal-President ta' Malta 27,309
Proclamation by the President of Malta *27,309*

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 27,310
Government Notices *27,310*

Avviżi tal-Pulizija ..... 27,310 - 27,311
Police Notices ..... *27,310 - 27,311*

Avviżi tal-Qorti ..... 27,311 - 27,312
Court Notices ..... *27,311 - 27,312*

Anno Domini 2024 Nru. VII

Proklama

MILL-PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) Miriam Spiteri Debono
President

BILLI bis-saħħa tal-artikolu 2 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Erarju (Kapitolu 62), huwa provdut li kull meta jingħata avviż minn Ministru lill-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati ta' Abbozz ta' Liġi dwar l-impożizzjoni ta' dazju ġdid jew dwar żieda ta' dazju li diġà hemm, dan id-dazju ġdid jew din iż-żieda ta' dazju għandhom jittieħdu u jinġabru mill-Awtorità li tiġi stabbilita fl-Abbozz minn dakinhar li tiġi maħruġa Proklama biex tgħarraf li ħareġ avviż kif jingħad hawn fuq;

JIENA, GĦALHEKK, qiegħed b'dan nipproklama illi avviż ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ Att biex jimplimenta diversi miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2025 u miżuri amministrattivi oħra u li għandu bħala skop l-impożizzjoni ta' dazji ġodda u ż-żieda ta' dazji eżistenti ġie mogħti mill-Ministru għall-Finanzi lill-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati u li kopja ta' dak l-Abbozz ġiet ippreżentata għand l-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati;

Iżda mingħajr preġudizzju għad-dħul fis-seħħ minnufih ta' din il-Proklama għar-rigward ta' kull ħaġa li hemm ipprovdut li dwarha data aktar tard hi provduta fl-Abbozz għall-bidu fis-seħħ, din il-Proklama għandha tibda fis-seħħ fir-rigward ta' dik il-ħaġa fid-data kif provdut fl-Abbozz.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 28 ta' Ottubru, 2024.

B'Awtorità,

(Iff.) Robert Abela
Prim Ministru

Anno Domini 2024 No. VII

Proclamation

BY THE PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd.) Miriam Spiteri Debono
President

WHEREAS by virtue of article 2 of the Revenue (Safeguard) Act (Chapter 62), it is provided that whenever notice is given by a Minister to the Clerk of the House of Representatives of a Bill having for its object the imposition of a new duty or the increase of an existing duty, such new duty or increase of duty shall be levied and collected by the Authority designated in the Bill as from the day on which a Proclamation is issued to the effect that the said notice has been given;

NOW, THEREFORE, I do hereby proclaim that notice of a Bill entitled An Act to implement Budget measures for the Financial Year 2025 and other administrative measures and having as its object the imposition of new duties and the increase of existing duties, has been given by the Minister for Finance to the Clerk of the House of Representatives and that a copy of such Bill has been filed with the Clerk of the House of Representatives;

Provided that without prejudice to the immediate coming into force of this Proclamation with respect to any matter in respect of which a later date is provided in the Bill for its coming into force the present Proclamation shall come into force with respect to such matter as from the date provided in the Bill.

Made at the Palace, Valletta, this 28th day of October, 2024.

By Authority,

(Sd.) Robert Abela
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1458

DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt ġiet appuntat Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mill-15 ta' Ottubru, 2024.

Kunsill Lokali	*Deputat Segretarju Eżekuttiv*
San Ġwann	Nadia Fenech

It-28 ta' Ottubru, 2024

Nru. 1459

AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt ġiet appuntat b'mod temporanju Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mis-16 ta' Ottubru, 2024.

Kunsill Lokali	*Aġent Segretarju Eżekuttiv*
Ta' Xbiex	Simon Cauchi

It-28 ta' Ottubru, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 242

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Safi

Nhar l-Erbgħa, 6 ta' Novembru, 2024, mis-7.30 p.m. sal-10.30 p.m., minn Triq il-Belt Valletta mir-roundabout ħdejn Elbros kantuniera ma' Triq Dun Ġużepp Caruana.

It-trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1458

LOCAL COUNCIL DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Deputy Executive Secretary of that Local Council with effect from 15th October, 2024.

Local Council	*Deputy Executive Secretary*
San Ġwann	Nadia Fenech

28th October, 2024

No. 1459

LOCAL COUNCIL ACTING EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed temporarily as Acting Executive Secretary of that Local Council with effect from 16th October, 2024.

Local Council	*Acting Executive Secretary*
Ta' Xbiex	Simon Cauchi

28th October, 2024

POLICE NOTICE

No. 242

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Ħal Safi

On Wednesday, 6th November, 2024, from 7.30 p.m. till 10.30 p.m., through Triq il-Belt Valletta from the roundabout near Elbros corner with Triq Dun Ġużepp Caruana.

Public transport will also be affected.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Id-29 ta' Ottubru, 2024

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

29th October, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2486

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-27 ta' Ġunju, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 571/2024AF, li ġie ppreżentat fit-22 ta' Mejju, 2024, fl-ismijiet: Vassallo Noel et vs Ruggieri Francesco et ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' mija tmienja u sebgħin elf, mija disgħa u disgħin ewro u erbgħin ċenteżmu (€178,199.40ċ). Bl-ispejjeż' kollha u bl-imgħax legali kontra l-intimati li huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-5 ta' Novembru, 2024, fl-10.00 a.m.

Notifika: Intimat: Ruggieri Francesco, 12, Contrada Salina, Flat 4, Triq l-Iskuna, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Ottubru, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 27th June, 2024, in the records of Sworn Application number 571/2024AF, which was filed on the 22nd May, 2024, in the names: Vassallo Noel et vs Ruggieri Francesco et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondents. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Condemn the defendants to pay the applicants the amount of one hundred and seventy eight thousand, one hundred and ninety nine euro and forty cents (€178,199.40c). With all costs and legal interest against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 5th November, 2024, at 10.00 a.m.

Notify Respondent: Ruggieri Francesco, 12, Contrada Salina, Flat 4, Triq l-Iskuna, St Paul's Bay

Registry of the Superior Courts, today 21st October, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2487

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-8 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 419/2024AB, li ġie ppreżentat fit-18 ta' April, 2024, fl-ismijiet: Galea Franco Avukat Dr noe et vs Chircop Micallef Christina ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tinnomina nutar pubbliku biex jippublika kwalunkwe att opportun u kuraturi biex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi tal-intimata fuq dak l-att u tiffissa data, lok u ħin għal tali pubblikazzjoni. Bl-ispejjeż' kollha u bl-imgħax legali kontra l-intimata li hija inġunta għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-26 ta' Novembru, 2024, fl-9.50 a.m.

Notifika Intimata: Chircop Micallef Christina, 85, October Love, Flat 3, Triq il-Belt Valletta, Ħal Qormi

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 8th October, 2024, in the records of Sworn Application number 419/2024AB, which was filed on the 18th April, 2024, in the names: Galea Franco Advocate Dr noe et vs Chircop Micallef Christina, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Appoint a notary public to publish any opportune deed and curators to represent the eventual defaulters of the respondent on that deed and fix a date, place and time for such publication. With all costs and legal interest against the respondent who is summoned so that a reference to her evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 26th November, 2024, at 9.50 a.m.

Notify Respondent: Chircop Micallef Christina, 85, October Love, Flat 3, Triq il-Belt Valletta, Ħal Qormi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Ottubru, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 21st October, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2488

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-18 ta' Lulju, 2024, Rikors numru 801/2024DC, fl-Atti tas-Subbasta numru 34/2022 li ġie ppreżentat fit-18 ta' Diċembru, 2023, fl-ismijiet: Vella Wright Natalie Mary Louise vs Baldacchino Emanuel pro et noe, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 416(1) et sequitur tal-Kap.12. Ir-rikorrent talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna l-ftuħ tal-Konkors tal-Kredituri, ai termini tal-Artiklu 416 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap.12). Għaldaqstant, kull min jista' jkollu interess għandu jġib 'il quddiem il-jeddijiet tiegħu fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni. Meta jagħlaq iż-zmien ta' xahar ebda persuna li ma tkunx dehret f'dak iż-żmien ma tistax twaqqaf jew xorta oħra żżomm il-kawża tal-Konkors milli tiġi deċiża bejn dawk li jkunu dehru.

Is-seduta fl-ismijiet imsemmija hawn fuq hija differita għat-28 ta' Novembru, 2024, fid-9.30 a.m.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 18th July, 2024, Application number 801/2024DC, in the records of Judicial Sale number 34/2022 which was filed on the 18th December 2023, in the names: Vella Wright Natalie Mary Louise vs Baldacchino Emanuel pro et noe, the following publication was ordered, in terms of Article 416 (1) et sequitur of Cap.12. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Order the opening of the Competition of Creditors, in terms of Article 416 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12). Thus, whoever may have an interest should bring forward his rights within one month from the date of publication. On the lapse of the one month period, no person who did not appear within that time may stop or otherwise withhold the Competition of Creditors case from being decided between those who appeared.

The sitting in the names mentioned above is postponed to 28th November, 2024, at 9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Ottubru, 2024

CARMEL ABELA, M.SC, IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 21st October, 2024

CARMEL ABELA, M.SC, IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2489

B'digriet tal-21 ta' Ottubru, 2024, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn G.M.F Precast Limited C11521 fl-1 ta' Awwissu, 2024, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' tmient elef, u ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€8,001.33) depożitati b'ċedola ta' depożitu numru 1869/2024 fl-ismijiet:

G.M.F Precast Limited (C11521) vs Daryl Borg (KI 0250086M)

Il-Qorti ordnat in-notifika b'għaxart (10) ijiem għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum il-Ħamis, 24 ta' Ottubru, 2024.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 21st October, 2024, given by the Courts of Magistrates (Malta), ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by G.M.F Precast Limited C11521 on the 1st of August, 2024, is asking for the withdrawal of the amount of eight thousand and one euro and thirty-three cents (€8,001.33) deposited by the Schedule of Deposit number 1869/2024 in the names of:

G.M.F Precast Limited (C11521) vs Daryl Borg (ID 0250086M)

The Court ordered the notification with ten (10) days to reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today Thursday, the 24th October, 2024.

MARVIC FARRUGIA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*